MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2008

Numru 464/2005

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom – OMISSIS – u – OMISSIS – u Ian Farrugia ta' 17 sena mwieled Pieta nhar it-3 ta' Ottubru 1987 bin il-mejjet Anthony u Joan nee' Pace residenti Blokk 14 Door B Flat 14 Triq r Caruana Dingli San Gwann detentur ta' Karta tal-identita Nru 460187M.

Billi gew akkuzati talli matul ix-xahar ta' Marzu 2005 u fix-xhur ta' Qabel gewwa San Gwann u f'diversi bnadi fil-gzejjer Maltin xjentement laqghu ghandhom, jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew ndahlu sabiex ibieghhu jew imexxu diversi oggetti u cioe, apparat ta' hi-fi u dan ai teminu tal-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba titratta ma l-imputat Ian Farrugia bhala li huwa recidiv u wara li nstab hati mill-

Magistrat Dr. J. Cassar LL.D. b'sentenza li saret definittiva nhar it-28 ta' Settembru 2004.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. MT7 u nnutat li l-imptat Ian Farrugia m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat Ian Farrugia, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Ian Farrugia bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat Ian Farrugia, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum id-Difiza u l-Prosekuzzjoni iddikjaraw li jaqblu li meta sehhew ir-reati, l-imputat Ian Farrugia kien ghadu taht l-eta' ta' tmintax il-sena.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 334, 31, 37, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Ian Farrugia, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li fil-konfront tal-imputat Ian Farrugia japplika dak previst fl-artikolu 37 tal-

Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Ian Farrugia ghall-piena ta’ elf, seba’ mija u seba’ u erbghin Euro u tlett centezmi ta’ Euro (Euro 1747.03) multa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------